

# IL-KNISJA FILJALI TA'
# SAN PAWL APPOSTLU

## FIL-WIED TA' BIRKIRKARA

1970

*Anything they can do*
*King Co-op*
*can do better . . .*

# SPEL

WASHES
CLEANER
AND
WHITER

## EMANUEL BONELLO

10, FRA DIEGU STREET, MARSA
7, ST. LUCIA STREET, VALLETTA
**DIAL 26452**

# Tifkira ta' Gheluq il-Ħamsin Sena, li, il-Knisja Filjali ta' San Pawl Appostlu, ilha Sagramentali.

## 1920 - 1970

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
- LIBRARY SERVICES -

# Kelmtejn ta' Qabel

*F'egħluq il-ħamsin sena tal-knisja Filjali tal-Konverzjoni ta' San Pawl tal-Wied, B'kara, bħala Knisja Sagramentali, dehrilna li għandna noħorgu dan il-ktejjeb biex infakkru din il-ġrajja. Fih issibu tagħrif storiku dokumentat fuq din il-Knisja mill-bidu nett tat-twaqqif tagħha sallum. Iżda l-izjed li ridna nfakkru kien is-siwi kbir ta' din il-Knisja fil-ħajja spiritwali u pastorali, u l-għajnuna kbira li tat lill-Parroċċa f'dawn l-inħawi f'dawn l-aħħar ħamsin sena. Nittamaw li kull min jaqra dan il-ktejjeb jibqa' edifikat mill-ġid li sar u jitħeġġeġ dejjem aktar biex japprezza x-xogħol ta' fejda li l-Knisja tagħmel bit-twaqqif ta' Knejjes Sagramentali, meta dan jitolbu l-ġid tal-erwieħ.*

*Jalla Ġesu' Sagramentat imħabba d-devozzjoni lejh f'din il-Knisja jkompli jxerred il-grazzi tiegħu fuq il-Parroċċa għaziza kollha tagħna.*

Il-Kumitat

# VAPEX

CLEARS COLDS QUICKLY

*with*

*Vapex Inhalant*

*Vapex Inhaler*

*Vapex Pastilles*

*Vapex Medicated Rub*

*Available at all Chemists*

---

# DIPLOMAT

The Super Stainless Steel Blade

# CONSIGLIO D'AMATO

*Agenti wahdanin tal-*

LOEWE-OPTA TV's

LINDE REFRIGERATORS

INDESIT AUTOMATIC WASHING MACHINES

TRIPLEX COOKERS U

TAPE RECORDERS

LESA RECORD PLAYERS

FANS

*Issibuhom ghand*

## WESTERN RADIO SERVICE

701, HIGH STREET, HAMRUN,

TEL. 28356

## LOEWE-OPTA SHOWROOM

159, THE STRAND GZIRA,

TEL. 32856

# Xi taghrif dwar il-knisja filjali ta' San Pawl f'Birkirkara

*Can V. Borg D.D., H.E.D., Arch. Ch. L.*

Kif jgħid l-isqof Pawlu Alpheran de Bussan fl-atti ta' l-ewwel Viżta Pastorali tiegħu li saret fis-sena 1728, il-knisja dedikata lill-Konversjoni ta' San Pawl fil-Wied ta' Birkirkara li ser niktbu fuqha nbniet fis-sena 1538 (1), jiġifieri ftit snin wara l-miġja ta' l-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann f'Malta.

Wieħed jista' jieħu xi ħjiel storiku dwar din il-knisja li baqgħet tiffunzjona sa kemm f'nofs is-seklu li għadda nbniet il-knisja li hemm il-lum, billi jikkonsulta l-atti tal-Viżti Pastorali li sarulha mill-1575 sa' l-aħħar tas-seklu tmintax li jinsabu konservati fl-Arkivju Arċiveskovili ta' gżiritna (2). U dan hu dak li bi ħsiebni neżamina hawn fil-qosor f'dawn il-paġni li ġejjin.

## L-ARKITETTURA TAL-KNISJA

Mons. Pietru Dusina, il-Viżitatur Apostoliku li żar il-knisja ta' San Pawl nhar it-30 ta' Jannar, 1575, jagħtina ħjiel fqajjar dwarha. Mill--atti tal-Viżta tiegħu kull ma nafu hu li din kellha artal wieħed u bieb ta' l-injam, mill-bqija, kienet fqira bħal ħafna knejjes oħra ta' Malta ta' dak iż-żmien (3).

Minn dak li ħallielna miktub l-isqof Cagliares wara li żar il-knisja nhar id-29 ta' Novembru, 1615, jirriżulta li din kellha l-bieb iħares lejn innaħa ta' nżul ix-xemx, l-istess pożizzjoni tal-bieb tal-knisja li hemm il-lum, u allura kellu orjentazzjoni perfetta, kif kienu wkoll jinbnew normalment il-knejjes anke f'Malta f'dawk iż-żminijiet. Dettal interessanti li jagħtina Cagliares, u li ma nsibuhx fil-Viżti ta' qabel, inkluża dik ta' l-isqof Gargallo tal-1601, hu dan li ġej. Quddiem il-knisja kien hemm ċimiterju imdawwar b'ħajt u f'dan iċ-ċimiterju kien hemm kolonna b'salib fuqha, m'għandniex xi ngħidu kemm il-kolonna kif ukoll is-salib kienu tal-ġebel (4). Biss milli jidher dan iċ-ċimiterju ma kellux ħajja twila. L-aħħar li jissemma hu fil-Viżta tas-sena 1637; f'din il-Viżta l-isqof Balaguer jgħid li l-kolonna bis-salib fuqha kienet quddiem dan iċ-ċimiterju (5). Mis-sena 1659 'il quddiem,

1. *Arkivju Arċiveskovili, Malta (AAM)* (Segretarija), *Visita Alpheran 1728-29*, 707r.
2. Fil-Viżti tas-Seklu dsatax, speċjalment sa l-ewwel sittin sena tiegħu, ftit li xejn hemm dettalji li jistgħu jinteressawna.
3. *AAM, (Segr.), Visita Dusina A*, p. 100.
4. *AAM, (Segr.), Visita Cagliares 1615*, 130v.
5. *AAM, (Segr.), Visita Balaguer 1635-37A*, 240r. [Dan is-salib hu l-istess wieħed li hemm fuq iċ-ċinta tal-bejt tal-knisja li tiġi fuq il-bieb tas-Sagristija li jġib id-data 1611. X'aktarx li hu l-uniku rikordju arkitettoniku li fadal mill-ewwel knisja ta' San Pawl u l-inħawi tagħha].

dan iċ-ċimiterju ma jissemma qatt aktar (6). Mhux biss,imma fil-Viżta tas-sena 1679, l-isqof Molina jgħid li quddiem il-knisja kien hemm bħal zuntier imdawwar b'ħajt bla ma jsemmi l-kolonna u s-salib (7). L-istess deskrizzjoni nsibuha f'diversi Viżti li saru wara (8). F'dik tas-sena 1693 terġa tissemma l-kolonna u s-salib imma l-ebda aċċenn għaċ-ċimiterju (9). Jidher ċar li dak li darba kien ċimiterju spiċċa biex sar speċi ta' zuntier u ntesa li darba hemm ġew midfuna xi nies!

Dawl interessanti ħafna dwar l-arkitettura tal-knisja tagħtihulna l-Viżta Pastorali li wettaq l-Isqof Cocco Palmieri fis-sena 1687. Fl-atti ta' din il-Viżta jingħad li l-knisja kienet tikkonsisti fi tlett ħnejjiet u msaqqfa bi ċnagen tal-ġebel (10). Jekk wieħed jagħti l-wisa ta' kull ħnejja bejn wieħed u ieħor xi ħames piedi, it-tul ta' din il-knisja allura jirriżulta li kien ta' ma dwar il-ħmistax il-pied. Kif wieħed jista' jara, ma tantx kienet knisja kbira, biss knejjes tas-sena li fiha nbniet hi ma tantx setgħu kienu wisq akbar.

Bit-terremot tas-sena 1693, din il-knisja, bħal diversi knejjes u bini ieħor fil-gżira tagħna, ħasset xi ftit u mill-Viżta Pastorali li saritilha nhar is-26 t'April, 1693, wieħed jinnota li l-ħitan tagħha kienu kemxejn imheżża. L-Isqof ordna li kellhom ikaħħluhom u jbajjdu l-knisja kollha kemm hi (10). Din l-ordni twettqet għax l-istess isqof Cocco Palmieri fis-sena 1699 jgħid li sabha irrestawrata u mbajjda kif kien ordna qabel (11).

Minn dettal li nsibu għall-ewwel darba fil-Viżta tas-sena 1723, wieħed x'aktarx li jista' jikkonkludi li din il-knisja anqas kellha sagristija, għaliex fiha stess kien hemm armarju ta' l-injam li fih kienu jinżammu xi affarijiet li jużaw waqt il-funzjonijiet (13). Kieku kien hemm sagristija, armarju bħal dan kienu jpoġġuh ġo fiha u mhux iħalluh ġol-knisja stess.

L-isqof Alpheran de Bussan fiż-żewġ Viżti Pastorali tas-snin 1747 (14) u tal-1758 (15) josserva li l-knisja kienet ta' struttura antika ħafna, waqt li fl-aħħar waħda minn dawn il-Viżti jgħid illi taħt ark jew ħnejja li kien hemm fil-faċċata ta' barra tal-knisja kien hemm qanpiena (16).

---

6. *AAM, (Segr.), Visita Balaguer 1656-59,* 163r. *Visita Buenos 1667-68,* 658v.
7. *AAM, (Segr.), Visita Molina 1678-80,* 393r.
8. *AAM, (Segr.), Visita Cocco Palmieri 1692,* 80v; *Visita Alpheran 1736-40,* p. 522; *Visita Alpheran 1744-51,* 649r.
9. *AAM, (Segr.), Visita Cocco Palmieri 1692 (-93),* 81r.
10. *AAM, (Segr.), Visita Cocco Palmieri 1685-87,* paġni mhux numerati.
11. *AAM, (Segr.), Visita Cocco Palmieri 1692 (-93),* 81r.
12. *AAM, (Segr.), Visita Cocco Palmieri 1699-1700,* 273v.
13. *AAM, (Segr.), Visita Gori Mancini 1722-23,* 260r-v; *Visita Alpheran 1728-29,* 707r; *Visita Alpehran 1736-40,* p. 523.
14. *AAM, (Segr.), Visita Alpheran 1744-51,* 649r.
15. *AAM, (Segr.), Visita Alpheran 1758-60* II, 29r.
16. Idem.

# DREAMLAND

are the most popular mattresses in Malta offering you the best in confort and quality materials.



DREAMLAND-
the Hall-mark of fine mattresses.
DREAMLAND-
an investment of a life time.
DREAMLAND-
the modern word for mattresses.

DREAMLAND BEDDING CO. LTD.
ST. LAWRENCE STREET,
BIRKIRKARA.
TEL. 40345


Made in Malta
CARDONA
SHOES
MALTA
for discerning men
433
410
4130

## TAGĦMIR TAL-KNISJA

Kif ġa għidt qabel, Mons Dusina sab il-knisja fqajjra u nieqsa minn kull ma kien neċessarju għaliha (17). Biss din is-sitwazzjoni donna bdiet tirranġa xi ftit ruħha mal-bidu tas-seklu sbatax. Għal issa ngħid xi ħaġa dwar it-tagħmir tagħha, aktar tard wieħed jiddeskrivi l-legati li ġew imħollija lil din il-knisja.

L-isqof Gargallo, li żar il-knisja fit-2 ta' Diżembru, 1601, jgħidilna li kien hemm kwadru fuq l-artal u l-knisja kellha kull ma jinħtieġ barra l-gandlieri u allura ordna lil Dun Filippu Borg, li kien kappillan ta' Birkirkara, biex jieħu ħsieb jipprovdi dawn il-gandlieri (18). Għandna nifhmu li Dun Filippu wettaq din l-ordni. Di fatti l-isqof Cagliares fil-Viżta tal-1615 ma jgħid xejn dwar dan, anzi l-istess isqof osserva li issa l-artal kellu ventartal li kien fih l-arma ta' l-isqof Gargallo kif ukoll ta' Dun Filippu (19). Dan, x'aktarx allura, li kien għamel dan il-ventartal minn butu fi żmien l-isqof Gargallo. Cagliares fl-istess Viżta jgħid li l-knisja kienet miżmuma tajjeb, ftit qabel kienu għadhom kemm bajduha; biss tlett snin wara, fl-1619, gerger li l-artal kellu bżonn tat-tiswija u kienet nieqsa minn dak li kien meħtieġ biex titqaddes il-quddiesa. Allura ordna biex jieħdu ħsiebha li jsir dak kollu li kien neċessarju (20).

L-isqof Balaguer fis-sena 1637 sab li fuq l-artal, barra tvalja waħda, kien hemm żewġ gandlieri ta' l-injam — tgħid dawn kien għamilhom Dun Flipp? — u ventartal quddiemu. Quddiem l-istess artal kien hemm lampier. L-artal ma kellux bradella ta' l-injam u l-art tal-knisja kienet iċċangata bil-ġebel. Osserva wkoll li l-kwadru ta' l-artal kien antik ħafna. Mid-dehra l-Isqof ma kienx kuntent b'dak li sab u ordna lil Gio. Maria Gilestri, li kellu l-obbligu li jieħu ħsieb il-knisja, biex jipprovdiha b'dak kollu li kien neċessarju fi żmien ħmistax-il ġurnata; barra minn hekk kellu jibdel il-kwadru li kien hemm u jagħmel ieħor ġdid, waqt li jieħu ħsieb jagħmel serratura tal-ħadid u jiftaħ tieqa ċkejkna fil-bieb tal-knisja (21).

Naħseb li Gio. Maria Gilestri wettaq l-ordni li rċieva dwar il-kwadru, għaliex fil-Viżta tal-1659 insibu li l-knisja kellha kwadru ġdid li kien jippreżenta lil San Pawl fil-parti ta' fuq u fil-parti t'isfel kien hemm il-qaddisin San Krispin u San Krispinjanu (22). Kif daħlu fil-kwadru l-ġdid dawn iż-żewġ qaddisin hu ftit diffiċli biex tgħid. Dawn huma l-qaddisin patruni ta' min jaħdem fil-ġild, speċjalment ta' l-iskrapan. Id-devozzjoni lejhom ġa

17. *AAM, (Segr.), Visita Dusina A*, p. 100.
18. *AAM, (Segr.), Visita Gargallo 1588-1602*, 216r.
19. *AAM, (Segr.), Visita Cagliares 1615*, 130v.
20. *AAM, (Segr.) Visita Cagliares 1618*, 40r.
21. *AAM, (Segr.), Visita Balaguer 1635-37A*, 240v.
22. *AAM, (Segr.), Visita Balaguer 1656-59*, 163r.

kienet tinsab hawn Malta fi żmien meta saret din il-Viżta. F'San Pawl tal-Belt kellhom il-kwadru tagħhom. Forsi Gilestri kien skarpan, jew ġie mgħejjun minn xi skarpan jew nies li jaħdmu fil-ġild biex seta jwettaq l-ordni li tah l-Isqof fis-sena 1637. Mill-Viżta tas-sena 1679, jirriżulta li l-figura ta' San Pawl f'dan il-kwadru kienet turi lil qaddis waqt il-konversjoni tiegħu. Dan il-kwadru kien impitter fuq it-tila u kien qiegħed fi gwarniċ miżbugħ iswed (23). L-aħħar darba li jissemmew San Krispin u San Krispinjanu fid-deskrizzjoni tal-kwadru hi fis-sena 1679 (24), fil-Viżti ta' wara din is-sena, meta jsir xi aċċenn għall-kwadru titulari jingħad sempliċiment li kien jirrappreżenta l-konverżjoni ta' San Pawl (25). B'dan kollu wieħed ma jeskludix li dan il-kwadru ma kienx l-istess wieħed li kien hemm qabel.

Mill-aħħar tas-seklu sbatax 'il quddiem għandna diversi dettalji dwar l-arredament tal-knisja. Fil-Viżta tas-sena 1687, l-isqof Cocco Palmieri innota li l-artal ma kellux karti tal-glorja, għaldaqstant ordna li dawn kellhom isiru, u ried ukoll li l-knisja kellha tiġi mogħnija b'żewġ gandlieri oħra u b'kurċifiss deċenti li kellu jkollu fuqu l-figura ta' Kristu msallab. Il-lampier mid-dehra kien sparixxa, għaliex il-lampa li kien hemm quddiem l-artal ma kellhiex wieħed. L-Isqof allura ordna li kellu jsir wieħed biex fih titpoġġa din il-lampa (26). Imma dawn l-ordnijiet sas-sena 1693 kienu għadhom ma twettqux, għax fil-Viżta ta' dik is-sena l-istess Isqof reġa ġedded dak li kien ordna fil-Viżta ta' qabel (27).

Mid-dehra l-affarijiet bdew jirranġaw xi ftit, ta' 'l anqas fis-sena 1699 il-lampier kien hemm u l-isqof Cocco Palmieri kemm f'din il-Viżta (28) kif ukoll f'dik tas-sena 1709 jgħid li l-knisja kienet miżmuma tajjeb (29). L-isqof Gori Mancini fis-sena 1723 innota ftit tat-traskuraġni u ried li l-mejda ta' l-artal tiġi miksija bl-injam, waqt li reġa tenna l-ordni biex isiru l-karti tal-glorja (30). Għalkemm kienet nieqsa minn dawn il-ħwejjeġ, l-atti ta' l-aħħar Viżta li semmejt, jgħidulna li l-knisja kienet mogħnija b'kalċi u patena kif ukoll xi abiti sagri li kienu jinqaflu f'armarju tal-injam li kien jinżamm fl-istess knisja (31).

L-ordni ta' l-isqof Gori Mancini biex jiksu l-mejda ta' l-artal bl-injam ġiet imwettqa kif jidher mill-Viżta tas-sena 1729 (32), waqt li t-tagħmir tal-

23. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Molina 1678-80*, 393r.
24. Idem.
25. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Cocco Palmieri 1685-87*, paġni mhux numerati; *AAM*, (*Segr.*), *Visita Cocco Palmieri 1692 (-93)*, 80v; *AAM*, (*Segr.*), *Visita Cocco Palmieri 1699-1700*, 273v; *AAM*, (*Segr.*), *Visita Gori Mancini 1722-23*, 260v, u oħrajn.
26. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Cocco Palmieri 1685-87*, paġni mhux numerati.
27. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Cocco Palmieri 1692 (-93)*, 80v.
28. *AMM*, (*Segr.*), *Visita Cocco Palmieri 1699-1700*. 273v.
29. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Cocco Palmieri 1708-10*, paġni mhux numerati.
30. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Gori Mancini 1722-23*, 260v.
31. Idem.
32. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Alpheran 1728-29*, 707r.

*The house for*
*Ladies, Gents &*
*Children's Wear*




# 34, HIGH STREET, B'KARA.

Tel. 40023

EVERY SORE THROAT NEEDS . . .

Strepsils

ANTISEPTIC LOZENGES

- *Safe*
- *Effective*
- *Quick-acting*
- *Pleasant-tasting*

CONTAIN NEITHER ANTIBIOTICS NOR LOCAL ANAESTHETIC

*From all Chemists* A Boots PRODUCT

LOCAL DISTRIBUTORS

KEMIMPORT LTD.

20, KINGSWAY, VALLETTA.

TEL. 29310

FALZON SERVICE STATION LTD.

NAXXAR ROAD, B'KARA.

Tel: 42763

SOLE AGENTS FOR

Sonnenschein

GERMAN BATTERIES
DRY CHARGE

knisja bil-mod il-mod donnu li baqa' jiżdied, in fatti, l-isqof Alpheran de Bussan fit-tielet Viżta tiegħu tas-sena 1747, jgħid li l-knisja kellha xi missalli (33). Biss billi l-patena tal-kalċi kienet tal-bronż indurat, fis-sena 1758, l-isqof Rull ħass li din ma kienitx tixraq għal quddiesa u ordna li ma kellhiex tintuża iżjed waqt li kellha ssir oħra tal-fidda ndurata (34). L-isqof Labini, fis-sena 1781, jgħid li kien sab din il-patena tal-fidda kif kien ġie ordnat li kellha ssir fil-Viżta ta' qabel, barra minn hekk, l-istess Isqof jgħidilna li l-knisja kienet provduta b'abiti sagri biżżejjed għas-servizz ta' l-artal (35). Għalkemm fil-Viżti ta' wara, l-istess Isqof gerger xi ftit dwar dawn (36), b'dan kollu fl-aħħar Viżta li għamel fis-seklu tmintax jidher li kien kuntent għax sabha nadifa u mogħnija b'mod suffiċjenti b'dak kollu li kellha bżonn (37).

## LEGATI MHOLLIJA LILL-KNISJA TA' SAN PAWL

Fis-sena 1575, il-knisja ta' San Pawl ma kellha l-ebda renti minn imkien, l-unika ħaġa ta' konfort dak iż-żmien kienet li ċertu Pietru Mifsud, nhar il-festa ta' San Pawl, kien jieħu ħsieb biex isiru l-Vespri u quddiesa, u dan frott tad-devozzjoni tiegħu (38). Sas-sena 1601, il-knisja kienet għadha kważi fl-istess stat li għadna kemm rajna, bl-ebda renti fissi, biss Antinio Gilestri, minn Birkirkara, barra li kien qed ikompli dak li Pietru Mifsud ġa kien beda, żied ukoll xi ħwejjeġ oħra. L-isqof Gargallo, f'dik is-sena, jgħidilna li Gilestri kien qed jieħu ħsieb li jitqaddsu quddisiet oħra ma tul is-sena kif ukoll kien qed jixgħel il-lampier kull nhar ta' Sibt. L-eżempju tiegħu mid-dehra ħajjar lill-ħaddieħor ukoll għax dawn bdew jixgħelu l-lampier anke fi ġranet oħra tal-ġimgħa barra s-Sibt kif ukoll bdew jipprovdu l-knisja b'dak li jkollha bżonn (39)

Antonio Gilestri, li kif rajna tul ħajtu kien jieħu ħsieb il-knisja mhux ħażin, ħaseb biex dak li kien beda ma jispiċċax wara mewtu imma jibqa' jseħħ għal dejjem. In fatti, Gio. Batt. Gilestri, bin Antonio (40), fis-sena 1615, jingħad li kellu piż fuq xi djar li kien hemm quddiem il-knisja ta' San Pawl, biex iħallas ħalli jsiru l-Primi Vespri kantati u quddiesa nhar

33. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Alpheran 1744-51*, 649v.
34. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Rull 1758-60 II*, 29r.
35. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Labini 1781*, 259v.
36. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Labini 1789-90*, 123v; *AAM*, (*Segr.*), *Visita Labini 1791-92*, 112r.
37. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Labini 1793-98*, 93r. L-Isqof żar il-knisja nhar l-20 ta' Jannar 1798.
38. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Dusina A*, p. 100.
39. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Gargallo 1588-1602*, 216r.
40. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Balaguer 1656-59*, 163r.

il-festa tal-konversjoni ta' San Pawl u biex jinxteghel il-lampier kull nhar ta' Sibt u fil-festi ta' ma' tul is-sena. Barra minn dan kellu jservi l-knisja msemmija f'kull ma' jkollha bżonn (41). Dan il-piż, skond ma jgħidu l-atti tal-Viżta tas-sena 1659, kien ħallieh Antonio Gilestri u kien ġie rreġistrat fl-atti tan-Nutar Gio. Domenico de Bono, għalkemm id-data ta' dawn l-atti ma hix mogħtija (42).

Barra dan il-legat imħolli mill-familja Gilestri jirriżulta li fil-bidu tas-seklu sbatax, Karkariż ieħor, Bartolomew Borg, ħa ħsieb iforni l-knisja b'legat ieħor. Ried li titqaddes fiha quddiesa darba fix-xahar u biex dan jibqa' jseħħ għal dejjem, ipoteka għalqa tiegħu li jienu jgħidula "Tal-Haric" (43) jew "Ta' Herri" (44) li kienet tinsab f'Birkirkara stess fl-inħawi "Tal-Hriereb" (45) jew "Misraħ il-Għargħar" (46). Dan kollu ġie rreġistrat fl-atti tan-Nutar Ferdinandu Zarb nhar l-14 t'Awissu, 1611 (47).

Dawn kienu l-uniċi żewġ legati li bihom ġiet mogħnija l-knisja sa tmiem is-seklu tmintax u minn żmien l-Isqof Cagliares sa żmien l-Isqof Labini dejjem insibu li ġew imwettqa, għalkemm kultant xi isqfijiet innutaw xi dewmien fit-twettieq ta' ordnijiet li kienu jagħtu dwar il-ħtiġijiet tal-knisja li suppost kellhom jiġu mwettqa minn min kien jippossiedi il-korp bini li kienet ħalliet il-familja Gilestri.

Hekk, għalkemm minn din l-ewwel knisja dedikata lil San Pawl fil-Wied ta' pajjiżna kważi ma fadlilna xejn (48), dawn l-erba' kelmiet ippruvaw jeżaminaw fil-qosor dak li jgħidulna l-Viżti Pastorali li fihom tissemma din il-knisja u jagħtu xi tagħrif dwar il-ħajja ta' waħda mill-ħafna knejjes żgħar tagħna, li damet tgħix sas-sena 1852 meta bdiet tinbena l-knisja li hemm illum.

---

41. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Cagliares 1615*, 130v.
42. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Balaguer 1656-59*, 163r.
43. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Cagliares 1615*, 130v.
44. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Gori Mancini 1722-23*, 260v.
45. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Cagliares 1615*, 130v.
46. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Pontremoli 1634*, 144r.
47. *AAM*, (*Segr.*), *Visita Balaguer 1656-59*, 163r.
48. Fadal xi ħaġa li tfakkarna fiha, jiġifieri s-salib imsemmi fin-nota 5.

*Quality that Lasts*




*Manufacturers of:*
*Shirts and Ties*
*etc.*

# Smart Shirt Manufacturing Co.

**Smart Factory, Naxxar Road,**
**Balzan - Malta** **Phone: 42728**

# MALTA WHOLESALE DRUG CO. LTD.

168, Christopher Street,

Valletta.

**IMPORTERS AND WHOLESALERS**

*for*

*Aspro Nicholas Ltd.*

*Johnson & Johnson Ltd.*

*Cheesebrough Ponds Ltd.*

*Rimmel Ltd.*

*Stirling Drug Co. Ltd.*

*I. C. I. Pharmaceutical Division*

# Xi tagħrif dwar il-knisja li hemm il-lum

*Rev J. Vella*

**BINI.** Il-għan tal-knisja l-ġdida, kif kiteb Dun Ġużepp Zammit (Brighella) fl-irħama-tifkira, li tinsab fuq il-bieb tal-faċċata, kien biex ikabbru d-devozzjoni u għall-kumdità tal-fidili. Għalhekk in-nies ta' l-inħawi ħasbu biex jiġbru l-flus meħtieġa, waqqgħu l-qadima u fuq pjanta tal-Perit Ġużepp Bonavia, mill-Belt, tqiegħdet l-ewwel ġebla fl-4 ta' Ġunju, 1852. Tlestiet f'sentejn u fit-8 ta' Ġunju, 1854 l-Ex-Prepostu tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara, Mons. Ġużeppi Debono bierek il-knisja l-ġdida.

**DESKRIZZJONI.** Il-faċċata, għolja xi 40 pied u 30 wiesgħa, għandha quddiemha zuntier, iċċangat b'madum griż (1930) u mdawwar b'ornament tal-ħadid. Fin-nofs, fejn hemm tliet tarġiet, kien hemm ukoll rixtellu tal-ħadid. Mal-kantunieri hemm żewġ brazzi li dari kellhom fanal biex idawwlu ż-żewġ toroq. Illum żewġ pilastri bil-lampi ta' l-elettriku mgħottija b'żewġ globi kbar, idawwlu z-zuntier fil-għaxija. Dawn saru mill-Gvern fl-1957.

Fuq il-blata tal-bieb insibu rħama b'iskrizzjoni bit-Taljan li bil-Malti tgħid hekk:

> Ir-Rev.mu Ill.mu Fra Ferdinandu Mattei, Isqof u Arċisqof ta' Malta, jagħti 40 jum indulġenza lil min jgħid Pater u Ave quddiem l-istatwa ta' San Pawl Appostlu. Digriet 12 ta' Novembru 1814.

Din l-istatwa, li llum tinsab f'nofs u fuq iċ-ċinta tal-faċċata, hija tal-ġebel u għolja xi 6 piedi. Qabel kienet fuq kolonna għolja bl-iskrizzjoni li semmejna, iżżejjen il-pjazza ċkejkna li kien hemm quddiem l-knisja f'dak iż-żmien

Bejn l-ewwel kwarniċa u l-blata tal-bieb, fuq skultura ħelwa ħafna, hemm l-irħama-tifkira tal-bini tal-knisja, li fuqha diġa' tkellimna. Imbagħad, hemm arkata li aktarx ġiet magħluqa fis-sena 1891, biex jitqiegħed il-kwadrant ta' l-arloġġ, li sal-1928 kien ta' l-injam. Il-Prokuratur ta' dak iż-żmien talab lill-Gvern biex flok il-kwadrant ta' l-injam, isir ieħor tal-ħġieġ u jinxtegħel (dawl elettriku) fil-għaxija. It-talba ġiet milqugħa u dan l-arloġġ għadu hemm sallum.

F'nofs kull ħajt laterali hemm prospettiva ta' bieb. F'kull bieb hemm Notice Board (1959-60), xogħol is-sur Karmelo Caruana, mgħallem Karkariż.

In-naħa tal-Wied hemm il-kampnar u n-naħa ta' Triq il-Kbira hemm is-sagristija.

Fuq il-bieb ta' taħt il-kampnar, hemm versi bil-Latin tal-Brighella:

QUAERIS CUR PAULLI HANC VETEREM AMPLICAVIMUS AEDEM:
QUOD POPULI IN PATREM CRESCERE GESTIT AMOR.

mil-Malti:

X'KIEN LI KABBARNA TISTAQSI DAL-MAQDES QADIM MINN TA' PAWLU:
GĦAX L-IMĦABBA TAN-NIES LEJN IL-MISSIER TRID TIŻDIED.

Versi oħra bil-Latin jinsabu fuq il-bieb tas-sagristija:

AEDES SUM PAULLI QUAMVIS EGO PARVULA SURGAM
SUM NIMIS ET TANTI NOMINE MAGNA PATRIS.

bil-Malti:

JIENA TA' PAWLU L-MAQDES GĦALKEMM IMTELLA' FIĊ-ĊOKON
IMMA BIŻŻEJJED KBIR B'ISEM MISSIER HEKK KBIR.

**KAMPNAR.** Huwa kwadru u għoli xi 30 pied miċ-ċinta tal-bejt sal-balal li hemm fuq il-ballustrat. Titla' għalih minn wara l-istess bieb li jagħti għal barra. Fih ħames qniepen.

L-iktar waħda antika hija l-iżgħar, ta' xi pied u ma għandha l-ebda skrizzjoni fuqha, waqt li oħra daqsha, ta' ħdejha, ġiet maħduma minn Giuliano Cauchi, Bormliż, fis-sena 1893. Għandha fuqha l-istemma ta' San Franġisk t'Assisi u hija mxaqqa. It-tnejn jintużaw ukoll biex jindaqqu l-kwarti ta' l-arloġġ.

Qanpiena oħra ta' xi żewġ piedi, għandha arma fuqha u l-isem Raffaele Testaferrata. Iġġib l-annu 1864. Din kienet ixxaqqet u fis-sena 1924 ġiet imsewwija. Tintuża wkoll biex jindaqqu s-sigħat ta' l-arloġġ.

Il-qanpiena l-kbira, għolja xi 40 pulzier b'dijametru ta' 34, għandha fuqha x-xbiha ta' San Pawl Appostlu. Hija xogħol ta' Giuliano Cauchi u ġġib is-sena 1899. L-iskrizzjoni tgħid: Kleru, poplu u Dun Franġisk Cassar għenu biex issir din il-qanpiena għall-glorja t'Alla.

Din tindaqq fil-festi u tintuża wkoll biex jindaqqu kuljum, b'makkinarju apposta li hemm fl-arloġġ — Il-Pater Noster, it-Tmienja, Nofs in-nhar, -lAve Marija, Siegħa lejl u ta' l-Imwiet.

Hemm oħra, ta' xi żewġ piedi, li hija wkoll ta' Giuliano Cauchi. Din kienet tal-Knisja l-Qadima u għandha fuqha x-xbiha tal-Madonna bil-Bambin. Fi żmien il-gwerra (1939-44) il-Gvern kien ħadha biex idoqq biha s-sinjal tar-Raiders Passed. Meta taha lura lill-Viċi-Prokuratur, tahielu mxaqqa. Dan ma ridhiex. Il-Gvern tah oħra u l-Viċi-Prokuratur ta l-imxaqqa lill-knisja ta' San Pawl. Is-Sur Espedito Micallef ħaseb malajr biex isewwiha u jużaha għall-quddies.

**L-ARLOĠĠ.** Huwa xogħol ta' preċiżjoni kbira tas-Sur Mikelanġ Sapiano, arluġġar magħruf minn Ħal-Luqa. Sar fis-sena 1891 mill-ġbir tan-nies. Jinsab f'kamra taħt il-kampnar. Jaħdem bil-pendlu u jħaddem il-minutieri taż-żewġ kwadranti — dak li hemm fil-faċċata li tagħti għall-Wied u l-ieħor ta' fuq il-bieb tal-knisja. Rigward id-daqq tal-ħin diġa' tkellimna, meta għidna fuq il-qniepen.

**MINN ĠEWWA.** Minn wara l-ħajt tal-faċċata sal-fond ta' l-arzella, il-knisja hija twila 40 pied (10 il-presbiterju) u wiesgħa 20. Kienet lixxa għal kollox, b'żewġ niċeċ twal sa l-art — waħda kull naħa tal-bieb u f'nofs kull ħajt laterali kien hemm bieb — wieħed jagħti għat-Triq il-Kbira u l-ieħor għall-Wied bi tliet tarġiet. L-għamla tas-saqaf hija troll b'żewġ twieqi rettangolari.

Fuq il-presbiterju, l-artal kien kollu tal-ġebel u fil-ġnub tiegħu żewġ bibien. Fuq wieħed hemm din l-iskrizzjoni bil-Latin (Brighella):

QUAE TE EVICIT IAM GRATIA DIVA FURENTEM
NOS EA PECCANTES FAC QUOQUE PAULLE, DOMET.

bil-Malti:

ĦAJR DAK IS-SEMA LI REBĦEK IMDAGĦDAGĦ BIL-QILLA
AGĦMEL LI JRAŻŻAN UKOLL LILNA, O PAWLU, MID-DNUB.

Fuq l-ieħor hemm dawn il-versi, ukoll tal-Brighella:

QUAE TU NOS DOCUISTI AETERNAE VERBA SALUTIS
FAC NE UNQUAM NOSTRO PECTORE, PAULLE, CADANT.

bil-Malti:

KLIEMEK LI BIHOM GĦALLIMTNA MAS-SAĦĦA TA' DEJJEM
AGĦMEL, O PAWLU, LI QATT, QATT MA JAQGĦULNA
MILL-QALB.

**TIBDIL.** Sar ħafna tibdil fil-bini minn ġewwa. Jingħad, li meta l-Gvern ried ineħħi l-parapetti li bihom il-Wied kien mimli, imħabba l-ilma tax-xita li jgħaddi mit-triq, il-Prokuratur tal-knisja kellu ineħħi t-tliet tarġiet tal-bieb li kien jagħti għall-istess triq. Għalhekk iż-żewġ bibien tal-ġenb ġew magħluqa, saru ż-żewġ arkati li hemm illum u taħthom għamlu żewġ artali. Il-mensa hija ġebla sħiħa ta' xi 10 pulzieri ħxuna, waqt li l-iskannell sar ta' l-irħam mill-marmista Franġisku Psaila. Fuq l-artal tal-lemin, fuq niċċa ovali ta' l-irħam, tpoġġiet ġo gwarniċa minquxa fil-ġebel, il-pittura tal-qaddisin martri skulturi — l-erba Koronati u fuq ix-xellug, il-pittura tal-Madonna ta' Pompej. It-tnejn huma xogħol tal-magħruf Ġużeppi Calì, mill-Belt.

In-niċċa ovali għamlet żmien vojta, imbagħad kien hemm statwa ċkejkna tar-ras maqtugħa ta' San Pawl, imbagħad statwa tal-Bambin fuq Blata, li titpoġġa fuq l-artal fiż-żmien il-Milied, u dan l-aħħar kien hemm relikwarju ċkejken.

L-Arċisqof Mons. M. Gonzi, fil-Pastorali tas-sena 1968, ordna li dawn l-artali jiġu mneħħija biex il-knisja tieħu ftit tal-wisgħa. Tneħħew fis-sena 1969. Fil-vojt ta' wieħed tpoġġa il-konfessinarju, donazzjoni tas-sinjura Bernardetta Fenech Cefai. Ħadmu s-Sur Ġużeppi Gauci fuq id-disinn tad-dekoratur karkariż, Ġużeppi Muscat.

Fil-vojt ta' l-ieħor ser titpoġġa l-istatwa titulari fil-ġranet tal-festa flok bejn il-kolonna u n-niċċa ta' San Ġużepp fejn kienet titqiegħed qabel.

**1893-8 (?)** Bejn dawn is-snin Dun Karm Sarè, qassis Għawdxi u li kien joqgħod hawn Birkirkara, ġabar il-flus minn għand il-familji biex isir il-paviment ta' l-irħam tal-Presbiterju. Dan għamlu ħuh — il-marmista Ġianni Sarè.

Wara, tant biex jikkonservaw il-kolonni korinti li kien hemm fil-kappellun tal-Kurċifiss tal-Knisja l-Qadima, kif ukoll biex iżejnu l-presbiterju tal-knisja ta' San Pawl, is-sinjuri Francesco Falzon u Ġużeppi Scerri, irranġaw l-arzella u poġġew il-kolonni li semmejna, bil-bażijiet tagħhom fuq il-presbiterju fejn għadhom sal-lum.

**IL-PAVIMENT.** Dan kien tal-franka u fil-1906, Karmelo Pirotta, għadu ħaj, kien ġie mqabbad minn Ġużeppi Farrugia, biex jiċċanga l-art tal-knisja. Dan il-madum għadu jservi sallum.

**1922-24.** F'dawn is-snin ġew imħaffra n-niċeċ li hemm mal-ħitan tal-knisja, biex fihom jagħmlu statwi flok l-inkwatri li kien hemm. Flok l-istatwa tad-Duluri (1961) kien hemm San Korrado (1923) spejjeż tas-Sur Tonin Gauci u l-knisja; fl-oħra hemm il-Qalb ta' Ġesù, statwa mogħtija mis-Soċjetà "Unione Eleniana", fis-sena 1922 bil-kundizzjoni li titpoġġa fuq it-tribuna fil-Festa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Parroċċa. Fuq in-naħa l-oħra hemm Santa Rita (1923) u San Ġużepp bil-Bambin (1924). Kollha xogħol ta' l-istatwarju Karmelo Galea mill-Ħamrun.

**L-ARTAL MAĠĠUR.** Ma nafux meta, l-artal, tal-ġebel għamlulu l-prima u s-sekonda ta' l-irħam. It-tabernaklu kien ukoll ta' l-irħam b'xi 8 pulzieri għola mill-prima. Fuq ġewwa kien ta' l-injam u

Il-Kwadru Titulari

ara pagna 19





Is-Salib li hemm fuq ic-cinta tal-bejt tal-Knisja

Ara pagni: 3 n. 5 u 8 n. 48

Il-Martirju
ta'
San Pawl
Pittura:
Profs.
G. BRIFFA
ara pag. 19





Disinn u Xoghol
CARMELO CARUANA
Pittura: Duluri
Profs. G. BRIFFA
ara pag. 25



Kurcifiss b' Relikwarju
Xoghol: CARMELO CARUANA ara pag. 21



Statwa Titulari ara pag. 20



Pittura tas-saqaf [Taqsima tan-nofs] Profs. G. BRIFFA ara pag. 19



L-ARTAL MAGGUR
ara pagni 12 u 17



It-Tabernaklu
il-gdid tal-fidda
Xoghol
Guzeppi Pirotta
Naxxar
ara pag. 17

ddekorat bid-drapp.

Fil-21 ta' Diċembru 1935, il-Prep. Dr. Ġużeppi Sammut għamel rikors lill-Arċisqof Dom Mauro Caruana li fih dawn il-punti prinċipali:

1. il-mejta Margherita Sammut ħalliet lill-knisja ta' San Pawl, is-somma ta' £50 biex issir opra fiha, li tkun tiswa għall-istess knisja u għall-kongregazzjoni tal-Qalb ta' Ġesù.
2. l-artal maġġur ta' l-istess knisja jinsab fi stat ħażin — nofsu rħam u nofsu ġebel u b'tabernaklu xejn ma jaqbel mad-disinn ta' l-artal.
3. talab biex bil-flus isir l-artal ta' l-irħam fuq id-disinn li hemm u li jaħdmu l-marmista Antonio Galea bl-ispiża stmata minnu £47.

Ix-xogħol kien lest għall-festa ta' San Pawl tal-1937, mill-istess mgħallem; fis-sena 1943 tpoġġa s-salib tal-bronz f'nofs il-faċċata ta' l-artal (xogħol l-artist fonditur karkariż, Vincenzo Sammut) u s-sena l-oħra saret l-irħama tan-nofs fit-tarġa ta' fuq flimkien ma' l-irħam ta' taħt it-taraġ tal-Prebiterju.

Iż-żewġ ambonijiet tal-ferro battuto saru fuq disinn tal-Professur Ġużeppi Briffa, mill-ħaddied Fortunato Mercieca, min-Naxxar. Wieħed minnhom huwa donazzjoni tas-sinjurina Gulina Sciberras. Iżżanżnu fl-ewwel Ħadd ta' l-Avvent 1969 — il-bidu tal-quddies bir-rit il-ġdid.

**IT-TABERNAKLU.** Il-kaxxa ta' ġewwa u t-tiratur tat-tabernaklu ta' l-irħam li sar fl-1937, saru tar-ram mis-Sur Vinċenz Sammut. Waqt li l-bieba ħadimha l-arġentier Antonio Attard mill-Belt fl-istess sena. Id-disinn barokk huwa tas-Sur Ġużeppi Muscat. Minn barra hija tal-fidda u mmartellata. Minn ġewwa hija tar-ram b'salib bir-raġġi fuq is-sħab (arġentat).

Fis-sena 1969, il-Prokuratur preżenti Kan. Knnt. Vinċenz Ciappara, fil-ġranet ta' l-eżerċizju tar-Randan, ħeġġeġ lin-nies biex jikkontribwixxu ġeneróżament, ħalli fis-sena 1970, nagħtu rigal lil Ġesù, talli ilu jżejjen bil-preżenza tiegħu ekwaristika 'l din il-knisja ħamsin sena, billi nagħmlulu tabernaklu tal-fidda. Bis-somma li nġabret flimkien ma' l-alejnazzjoni awtorizzata ta' xi wegħdi, mhux biss inħadem it-tabernaklu mis-Sur Ġużeppi Pirotta, arġentier magħruf għal dan ix-xogħol, imma nxtraw ukoll l-kaxxa ta' l-ostja ta' l-espożizzjoni u żewġ pisdijiet kbar tal-fidda. Ix-xogħol tat-tabernaklu huwa sabiħ ħafna. Fil-faċċata ta' ġewwa, bejn żewġ pilastri ċċiżellati u l-arkitrav tal-fidda, hemm is-simbolu tal-Missier Etern. Fuq il-bieba minn ġewwa hemm il-Ħaruf fuq il-ktieb u hemm skrizzjoni żgħira li tgħid: Lill-Ġesù Ostja — 1970.

Fuq barra baqa' l-istess disinn tas-Sur Ġużeppi Muscat, il-kalċi bl-ostja fuqu, b'disin irqieq idur mal-bieba kollha (1937).

It-Tabernaklu tqiegħed f'postu fit-8 ta' Ottubru 1969. Wara li l-Prokuratur irringrazzja lin-nies tal-ġenerożita' tagħhom, bierek it-tabernaklu u it-trasporta s-sagrament mill-artal iż-żgħir ta' Fatima għall-artal maġġur. Intqal ir-rużarju u ngħatat il-Benedizzjoni sagramentali.

Pisdi, ħelu ħafna u stil modern, b'disinn ta' basket ħobż u taħtu ħuta fissieq tiegħu, ġie mogħti mis-Sur Rosario Micallef (1969).

Il-knisja għandha pisdi ieħor żgħir ħafna. Dan hu tal-fidda. L-għatu u s-sieq għandhom disinn immartellat. Il-plattin tat-tqarbin, maħdum ukoll mis-Sur Pirotta, tagħtu s-sinjorina Gulina Sciberras (1969).

**1937-1940.** Il-fontijiet ta' l-irħam ta' ħdejn il-bieb tpoġġew mill-marmista Toni Galea fis-sena 1937 u fl-14 ta' Marzu ta' l-istess sena, Patri Samwel Camilleri OFM, bierek il-Via Sagra, xogħol Taljan.

F'dan iż-żmien inħiet id-damask (170 metru) tal-knisja mis-Sur Rosario Micallef mgħejjun mis-sinjorini: Elena Galea, Ċettina Bonnett, Karmena Aquilina u oħrajn. Id-disinji huma tad-dekoratur Ġużeppi Muscat. Id-damask kien lest kollu fis-sena 1940.

Għalhekk il-ħitan tal-knisja kellhom bżonn ta' ranġatura qabel. Taħt it-tmexxija tas-Sur Ġużeppi Sapiano, Emmanuel Gauci, Pawlu Chetcuti u Espedit Micallef, neħħew il-friz ta' taħt, irranġaw il-gwarniċa u n-niċeċ, waqt li s-Sur Ġużeppi Gauci ħadem il-pilastri bil-bażi tagħhom ta' l-injam.

Il-gallerija ta' l-injam kienet baxxa, ftit il-fuq min-niċċa ta' l-Ecce Homo (statwa antika). Biex jitilgħu fil-gallerija kienu jużaw sellum u jgħaddu minn toqba fil-qiegħ tagħha. Din il-gallerija kellha tiġi mgħollija 'l fuq. Sar għalhekk (1939) is-saqaf tal-concrete, infetħet fil-ħajt li jagħti għat-triq il-Kbira, toqba biex aktar 'il quddiem isservi għall-bieb tat-traġ li sar fis-sena 1949 mill-imgħallem Luigi Borg taħt it-tmexxija tal-Perit Rizzo. It-taraġ sar mill-istess nies li jaħdmu b'xejn fil-knisja. L-injam tal-gallerija rranġah is-Sur Ġanni Fenech u l-armonju li kien inxtara fis-sena 1937 reġa' tpoġġa floku.

**1942-1944.** F'dawn is-snin tal-gwerra is-Sur Ġużeppi Muscat were l-paċenzja u l-arti kollha tiegħu biex iddekora l-arzella bil-kolonni b'kollox. Xogħol tant hu maħdum tajjeb li għadu sabiħ sal-lum. Meta spiċċa mix-xogħol tiegħu, il-marmista Toni Galea għamel iz-zokklatura sewda ta' fuq il-prebiterju.

Billi fl-istess snin kienet inbdiet il-pittura, is-Sur Karmelo Caruana, mgħallem tajjeb fl-injam, beda l-ewwel xogħol tiegħu f'din il-knisja. Qasam bl-injam fi flieli l-arzella u l-volta (troll) tal-knisja. Is-Sur G. Muscat għamel id-dekorazzjonijiet fihom u l-iskrizzjoni li hemm mal-gwarniċa: Prostravit Christus persecutorem ut faceret suae Ecclesiae doctorem. — Kristu tefa'

mal-art lill-persekutur tiegħu biex jagħmlu duttur tal-Knisja tiegħu.

L-anġli li hemm fuq iċ-ċinta ta' l-arzella u d-dekorazzjoni l-oħra saru minn Toni l-mutu mill-Birgu.

## IL-PITTURA

**IL-KWADRU TITULARI.** Kopja tal-Konversjoni ta' San Pawl li hemm fil-Bażilka ta' San Paolo fuor le mura — Ruma. Huwa xogħol dettaljat ħafna tal-pittur Malti mill-Belt, Giuseppe Calleja (sa 1895 kien għadu ċaj).

Żewġ kwadri antiki ħafna jinsabu fi gwarniċ tal-ġebel fuq il-bibien tal-Presbiterju. Wieħed fih il-pittura tat-Trinità Mqaddsa u l-ieħor it-Twelid ta' Ġesù.

**IL-PITTURA TAS-SAQAF.** Hija tal-Professur Ġużeppi Briffa — Karkariż. Fl-1944 kienet lesta l-arzella li turi l-miġja ta' San Pawl f'Malta.

Tas-saqaf inbdiet fis-sena 1949. Meta tħares 'il ġewwa lejn l-artal, fl-ewwel taqsima fuq ix-xellug tara il-martirju ta' San Pawl, fin-nofs il-glorja tiegħu, u fil-kwadru l-ieħor il-predikazzjoni ta' l-appostlu mill-ħabs.

Fit-taqsima tan-nofs (1952-3) naraw pittura oriġinali li turi lil San Pawl qed iqarben f'Malta. Fuq in-naħa tax-xellug naraw lil San Luqa u lil San Titu u n-naħa l-oħra lil San Aristarku u lil San Titomtju.

Biex saret il-pitturi ta' din it-taqsima, it-twieqi tal-knisja kellhom jiġu rranġati. Qabel kienu rettangolari bit-tieqa fuq barra għat-triq. Is-sinjuri Emmanuel Gauci u Ġanni Muscat, irranġawhom, għamluhom fit-tond minn fuq u saru t-twieqi ġodda fuq ġewwa. (1952).

L-aħħar taqsima li kienet lesta 1956, fiha l-predikazjoni ta' San Pawl fin-nofs, il-fejqan ta' missier San Publiju u l-ordinazzjoni episkopali ta' San Publiju.

Fil-faċċata ta' fuq l-orgni hemm it-tluq ta' l-appostlu minn gżiritna li tlesta fis-sena 1961. Taħt hemm miktub "Esto nobis tutela nostra insidias" Ħarisna mid-deni.

Il-11-il kwdaru ta' l-appostli u evanġelisti li jinsabu mal-gallerija ta' l-orgni saru fis-sena 1968, mill-istess artist.

**L-ISTATWA TITULARI.** Fis-sena 1930 miet ċertu Ġużeppi Delicata. Dan ħalla £10 lil kull knisja filjali ta' Birkirkara. B'dawn il-flus saret l-ewwel statwa ta' San Pawl, bħal dik tal-Belt, mill-artist Għawdxi, Wistin Camilleri. Il-Prep. Dr. Carmelo Bonnici bierek l-istatwa qabel il-ġranet tal-festa tas-sena 1932.

Din l-istatwa, għalkemm kienet tassew sabiħa, kienet kbira wisq għall-knisja, tant li meta ġew biex jagħmlu l-pedistall u l-bankun raw li kienet ser tasal 'il fuq miċ-ċinta. Għalhekk fis-sena 1951 imbiegħet lill-knisja ta' l-Erwieħ, il-Belt u flokha nxtrat oħra bħalha ta' l-injam imma iżgħar mid-ditta Stuflessen ta' Bolzano. Din kienet lesta mill-induratura għall-festa tas-sena 1952, mid-ditta Bugeja & Sons, Rabat, Malta.

Fit-tnax ta' Jannar 1952, il-Prep. Dr. Emmanuel Vella, bierek l-istatwa l-ġdida fil-Kolleġġjata Bażilka, u ġiet imniżżla għall-knisja tagħha bi pro-proċessjoni flimkien mal-Banda Duke of Connaught.

**1953.**

Il-pedistall sabiħ huwa xogħol ta' l-imgħallem Karmelo Caruana, l-iskultura ta' Ġużeppi Grima minn Naxxar u l-istatwi żgħar tal-Fidi u Tama tas-Sur G. Dingli — Rabat. Kien lest mill-induratura fis-sena 1953 mill-istess ditta Bugeja & Sons, Rabat, Malta.

Jekk is-Sur Karmelo Caruana wera x'jaf jagħmel fil-pedistall, wera iktar il-ħila tiegħu fix-xogħol tal-bankun li huwa ħadem b'paċenzja kbira. L-iskultura rqieqa hija ta' l-iskultur A. Buhagiar u l-pannewwijiet huma xogħol id-ditta li ħadmet l-istatwa. Dawn juru:

1. In-Nawfraġju ta' S. Pawl
2. Il-Predikazzjoni
3. Il-Magħmudija ta' l-appostlu
4. Il-Konsagrazzjoni ta' S. Publiju

Fuq disinn tas-Sur A. Buhagiar, is-Sur Ġużeppi Pirotta, arġentier min-Naxxar, ħadem l-erba' gastri tal-fidda ta' madwar il-vara. Il-bukketti tal-granutell saru mis-Sur Emmanuele Sciberras mill-Qrendi. Kien lest kollox fis-sena 1958.

**STATWI OĦRA.** Taħt l-arkata fuq il-konfessinarju hemm il-Madonna ta' Fatima. Din l-istatwa ġiet mogħtija b'wegħda lill-Knisja fis-sena 1950 u saritlha festa f'Novembru ta' l-istess sena. Il-kuruna li għandha fuq rasha hija donazzjoni tas-Sinjorina Elena Galea, xogħol tal-filugranu tad-deheb mis-Sur K. Mizzi. Sas-sena 1964 kienet fuq l-artal li kien hemm qabel.

# FLORENA CREME

*Il-Creme idejali biex tuzah fix-xitwa daqs kemm fis-sajf.*

*Idejali ghall-Gilda xotta u bhala protezzjoni mir-rih.*

*Il-Florena Creme Huwa wkoll make-up base fih innifsu, izommlok il-gilda dejjem ratba, fina u delikata.*

*Il-Florena Creme Jinkiseb mill-Izpizeriji kollha.*

# COW & GATE MILK FOOD

Cow & Gate Cereal Food

*The Milk Food of Royal Babies*

# HORLICKS

GHAS-SAHHA

U

ENERGIJA

*Agenti:* ***P. Gatt & Co. Ltd.***

*Tel: 29851*

Taħt l-arkata l-oħra hemm relikwarju ta' 100 teka, fuq kurċifiss ta' Spanja. Huwa xogħol sabiħ u mirqum ħafna li sar mis-Sur Karmelo Caruana fis-sena 1963.

Statwa li dari kienet fin-niċċa fejn illum hemm San Pawl, hija ta' San Lawrenz Levita martri. Din hija tax-xema u għamilha l-Kanonku Politi fis-sena 1856. Fit-tuniċella hemm impittra żewġ kwadri żgħar — Il-Lunzjata u l-inkurunazzjoni tal-Madonna. Dan il-Kanonku kien mill-Birgu u kien jiġi hawn Birkirkara għall-velleġġatura.

Statwa oħra li ġiet mogħtija mis-Sinjuri A. Falzon fis-sena 1952 hija Santa Marija Goretti. Xogħol tal-plastika tad-ditta Arte Sacra ta' Ruma.

**L-ARMAR TA' L-ARTAL.** Fis-sena 1947 inġiebu minn Milan, is-sett tal-gandlieri (prima u sekonda) ta' l-artal maġġur. Huma tal-metal abjad u fihom fil-bażi ta' kull wieħed ix-xbiha ta' San Pawl. Is-salib u l-vażetti huma mill-istess metal u nħadmu mid-ditta Fratelli Bertarelli. L-appostli saru mill-istatwarju Wistin Camilleri 1934 u ġew arġentati fl-istess sena. Il-fjuretti tal-granutell saru minn Emanuele Sciberras tal-Qrendi fis-sena 1958.

Il-Kanopew tal-festa (1961) huwa xogħol is-Sur Vincenzo Borg u s-salib bil-balla hu xogħol tal-filugranu tad-deheb tas-Sur K. Mizzi. L-ostensorju tar-relikwija u l-isfera l-kbira ta' l-Espożizjoni nġiebu mid-ditta Bertarelli fis-sena 1948. L-isfera ngħatat lil-Lega u lill-Knisja mis-Sinjorina Giovanna Falzon. L-apparat tal-festa — pjaneta, kappa, tuniċelli u velumeral inġiebu ukoll minn barra fis-snin 1948-49.

Illum il-knisja għandha wkoll l-istrument u l-Loudspeakers. Wieħed jistaqsi għaliex knisja hekk żgħira għandu jkollha wkoll l-amplifier. Imma meta wieħed jiktakar kemm traffiku jgħaddi mit-toroq ta' madwarha, malajr jaċċerta ruħu li hemm bżonnu. Is-sett Siemes (second hand li kien inxtara fl-1956) ġie mwarrab u floku nxtara ieħor Grampian fis-sena li għaddiet.

## FESTI U FUNZJONIJIET

Il-festa titulari kienet u għadha ssir b'sollenità kbira. Dari kien isir it-tiżjin fit-toroq u kien ikun hemm ukoll il-Banda. Il-festa hija popolari ħafna f'Birkirkara u ħafna jattendu f'dawk il-ġranet. Issir il-Ħadd l-iktar viċin tal-25 ta' Jannar.

Kif issir illum: Tridu qabel il-festa bil-quddiesa fil-għaxija. Priedka, Innu u Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Nhar is-festa quddies kull siegħa u konklużjoni bil-paneġirku fil-quddiesa. Għasar u Quddiesa Kantata mir-Rev. Kapitlu tal-Kolleġġjata-Bażilka. (Digriet — 7. 5. 1969).

Il-festa ta' Santa Rita. Id-devozzjoni lejn din il-qaddisa ilha minn qabel l-istatwa li saret 1923. Dan jidher mill-ewwiegħdi. Il-festa għall-ewwel kienet issir fil-jum tagħha fit-22 ta' Mejju bi priedka filgħaxija u tberik tal-Ward.

Mill-1952 beda jsir it-Tridu qabel u għalhekk il-festa bdiet issir fil-ġimgħa tal-jum tagħha.

**FUNZJONIJIET OĦRA.** Sakemm saret ir-riforma tal-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, fil-knisja kienu jsiru f-funzjonijiet bis-sepulkru b'kollox. Mis-sena 1956 issir biss il-quddiesa Vespertina f'Ħamis ix-Xirka.

Is-sepulkru, xogħol li sar minn ħafna fuq disinn tas-Sur G. Muscat inbiegħ lill-knisja l-ġdida tal-Patrijiet Konventwali, Birkirkara fis-sena 1957.

Isiru wkoll it-tmienja ta' Mejju (dari kien isir il-quddies fl-artal tagħha tal-ġenb); Il-festa ta' Fatima (l-aħħar Sibt ta' Ottubru); Id-Duluri fir-Radan u l-Funzjoni ta' ringrazzjament ta' l-aħħar tas-sena.

Il-Kongregazzjoni tal-Qalb ta' Ġesù minn ftit snin wara li twaqqfet bdiet tagħmel fil-knisja dawn il-funzjonijiet:

Il-festa tal-Qalb ta' Ġesù. Sas-sena 1960 kien sir kors ta' eżerċizzi qabel il-festa u nharha kienu jsiru għaxar quddisiet quddiem l-Espost — Adorazzjoni matul il-ġurnata u konklużjoni bl-Att tal-Konsagrazzjoni u Te Deum fil-għaxija.

Mis-sena 1961 beda jsir it-Tridu u Lejlet il-Festa ssir velja fit-tard fil-għaxija. L-għada, il-quddies tas-soltu imma mhux quddiem l-Espost. Fil-għaxija ssir il-konklużjoni bħal ma kienet issir fl-imgħoddi. Bid-digriet tas-7. 5. 69 fil-ġimgħa tal-Festa jsir il-quddies fil-għaxija.

Fil-Granet tal-Karnival issir kuljum siegħa Adorazzjoni bi tpattija għad-dnubiet li jsiru. Bdew isiru mill-istess Kongregazzjoni. Illum ikun hemm ukoll il-Quddiesa Vespertina (Digriet 7. 5 69).

Kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar fil-għaxija qabel iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika ikun hemm il-quddiesa.

Fl-ewwel Ġimgħa ta' Jannar issir il-festa tal-Milied bis-solita priedka tradizzjonali tat-tifel.

**ĦAJJA PASTORALI.** Kull nhar ta' Ħadd kienet issir quddiesa f'din il-knisja. Kienu jqaddsuha saċerdoti differenti — Dun Karm Sare, Dun Franġisk Cassar, Dun Awrelio Borg u oħrajn.

Fl-ewwel Ġimgħa, 9 ta' Settembru 1900 il-Prepostu Alfons Borg, beda l-ewwel Ġimgħat tax-xahar billi qaddes quddiem l-Espost u dam iqaddishom,

# BORTEX

## Clothing Industry

Manufacturers
of
Gents'
&
Boys'

Jeans
Shorts
&
Trousers

QUALITY

BARON

SHIRTS

kultant iqaddes ħuh, id-Dekan G. Battista, sat-13 ta' April 1917. Imbagħad il-Prepostu Carmelo Zammit u oħrajn.

Quddiesa oħra quddiem l-Espost (Legat ta' ċerta Katerina Farrugia) bdiet issir fit-12 ta' Jannar 1906. Damet issir sal-1908 għaliex il-Legat waqa' f'idejn il-Prokuratur tal-Legati G. Battista Casha.

L-ewwel festa tal-Qalb ta' Ġesù li hemm irreġistrata saret fil-21 ta' Ġunju 1903 billi tqaddsu tliet quddisiet quddiem l-Espost minn Dun Pawl Grech, Dun Pawl Cannataci u l-Kanoku Orazju Galea. Il-Kalendazzjoni ta' din il-festa tieqaf fis-sena 1924. Bdiet allura ssir mill-Kongregazjoni tal-Qalb ta' Ġesù.

**TAGĦLIM TAD-DUTTRINA.** Fis-sena 1914 il-Prep. Alfons Borg talab lis-sur Paolo Micallef, Emmanuel Sciberras u Franġisku Scerri biex jgħallmu d-duttrina lis-subien ta' l-inħawi fil-knisja ta' San Pawl. Kien hemm tliet klassijiet — waħda taħt il-kampnar, l-oħra fis-sagristija u l-oħra fil-knisja.

Dun Mikiel Sammut, li kien id-direttur ta' l-Oratorju, kien jinżel kull nhar ta' Sibt iqarar lit-tfal u l-għada s-subien kienu jitilgħu għall-quddiesa fl-Oratorju. Dun Ġużepp Sammut dam iħallas il-kont ta' konsum ta' l-elettriku, mis-sena 1922 li fiha ġie nstallat id-dawl fil-knisja, sas-sena 1931. Wara din is-sena s-subien bdew imorru għad-duttrina l-iskola tal-Gvern.

**ISTITUTO S. PAOLO DELLA DOTTRINA CRISTIANA.** Fis-sena 1920 is-sinjorini Olga u Ġużeppina Micallef, ħut Dun Manwel, mill-Belt, waqqfu din l-għaqda ċkejkna, biex tieħu ħsieb id-duttrina tal-bniet. Kellhom bħala direttur lil-Kan. Tes. Paolino Busuttil. Dan l-Istitut kien jixbah ħafna lil dak ta' Santu Rokku, il-Belt. Kellu ħafna xebbiet katekisti u kien jiġbor il-bniet għall-quddiesa tal-Ħadd u wara l-aħħar quddiesa għal xi il-11.00 a.m. kienu jġibruhom u jgħallmuhom id-duttrina.

Il-bniet tal-preċett kienu jitilgħu b'purċissjoni wara l-bandalora sabiħa, maħduma mis-sinjorina Ġużeppina, għall-Knisja tal-Ħerba. Sal-1951 kienu jimxu wara s-sagrament fil-purċissjonijiet ta' Corpus u tal-Qalb ta' Ġesù ikantaw innijiet Ewkaristiċi.

**SAGRAMENTALI.** Fis-sena 1920 kien sar xi tgergir li n-nies ta' l-inħawi ma kinux milħuqa spiritwalment. Dan wasal għand l-Isqof u l-Prepostu Carmelo Zammit talab lill-Arċisqof Caruana biex jagħmel illi din il-knisja sagramentali, jiġifieri, jinżamm fiha s-sagrament u ż-żejt

tal-Kriżma tal-Morda. L-Arċisqof aċċetta t-talba u l-Prepostu avviċina lis-Sur Rosario Micallef biex jieħu ħsieb il-knisja. Is-Sur Micallef irranġa mill-aħjar li seta' l-knisja u l-artal u l-Ħadd li jaħbat fuq id-Duluri ta' Settembru, 1920, Dun Ġużepp Micallef, li kien għadu kif ġie ordnat saċerdot, qaddes u poġġa 'l Ġesù Sagramentat fit-tabernaklu. Minn dak in-nhar sal-lum għaddew ħamsin sena.

**DUN MANWEL MICALLEF.** Kien għadu kappillan fl-Army meta beda jqaddes f'din il-knisja. Sar prokuratur tagħha fl-Lulju 1921 u ta' ruħ tajba li kien mill-ewwel beda jaħdem għall-erwieħ. Iqaddes kuljum u iqarar u beda jifforma bil-mod il-mod grupp ta' xebbiet biex ixerrdu d-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù. Għall-ewwel kienu żelatriċi ta' l-Apostolat tat-Talb, imbagħad fis-sena 1923 saru għaqda għalihom taħt l-isem **KONGREGAZZJONI TAL-QALB TA' ĠESÙ.**

Din hi l-Lega Riparatriċi kif hi magħrufa min-nies u ġiet approvata u eretta kanonikament digriet ta' l-Arċisqof Dom Mauro Caruana O.S.B. tat-23 ta' Awissu 1933. Il-għan tagħha huwa tpattija libera għad-dnubiet li jsiru mill-bnedmin. Barra ż-żelatriċi li huma l-membri attivi, hemm ukoll l-askritti, li dawn huma marbuta biex jagħmlu l-offerta ta' fil-għodu u fl-istess ħin jipparteċipaw mill-quddies li l-Kongregazzjoni tagħmel għall-bżonnijiet tagħhom u għas-suffraġju meta jmutu.

Ma' dawn mis-sena 1962, il-Lega xerrdet mal-gżejjer tagħna, il-moviment imsejjaħ "Voluntieri tal-Qalb ta' Ġesù". Dawn jagħtu kelma li jagħmlu l-offerta ta' kuljum, li darba fix-xahar jagħmlu siegħa quddiem Ġesù Sagramentat, u li jgħidu kuljum it-talba tal-midinbin. Hemm librett tas-siegħa bit-talba miktub apposta. Dan għadu sejjer.

Rigward l-attività tagħha fil-knisja tkellimna qabel.

Dun Manwel kien ukoll mużiċista tajjeb u kiteb ħafna mużka. Magħrufa huma ir-responsorji tal-Ġimgħa il-Kbira, l-innu tallKongregazzjoni u l-innu u l-antifona ta' San Pawl. Kiteb ukoll Għosrin, Quddies Kantat u Tantum Ergo.

**1928-1931.** Fis-sena 1928, il-knisja sabet ruħha fi kriżi finanzjarja u l-Prepostu Dr. Karmelo Bonnici kien ser jagħlaqha. Is-sinjuri Espedito Micallef u Emmanuel Gauci, imħeġġin mill-ġenituri tagħhom marru talbu lill-Prepostu biex ma jagħlaqhiex. Dan aċċetta bil-kondizzjoni, li jieħdu ħsiebha huma u li ma jagħmlux dejn. Fil-Ħadd ta' wara l-Prepostu niżel fil-knisja, qal lin-nies bis-sitwazzjoni u ħeġġiġhom biex jgħinu ġenerożament. B'hekk il-knisja baqgħet miftuħa sal-lum. Prokuratur tal-knisja baqa' għal dawn it-tliet snin l-istess Prepostu

# AMBASSADOR

## TOILET PREPARATIONS FOR MEN

Ambassador After Shave Lotion
" Pre Shave Lotion
" Cologne
" Hair Oil
" Vitamise After Shave
" Shave Bowl
" Soap
" Vitamise Hair Tonic
" Deodorant Spray
" Talcum
" Brillantine

**FOR MEN WHO EXPECT PERFECTION**

*Trade Enquiries:*

COLLIS WILLIAMS,
300, KINGSWAY, VALLETTA. TEL. 24104



# KEMM THALLAS




BIEX TKUN MEHLUS MINN KULL UGIEGH? BHAL REWMATIZMU, XJATIKA, UGIEGH FID-DAHAR, FIL-GHADAM, U KULL UGIEGH IEHOR

**3/11 BISS**

FLIXKUN **RADIAN-B**

DAK KOLLOX

IXTRI FLIXKUN **RADIAN-B** ILLUM STESS GHAL DAK L-UGIEGH LI GHANDEK U TARA KIF TMUR TAJJEB

**MINGHAND L-ISPIZJARA KOLLHA**

# THERE IS STILL ONLY ONE BEST...

**KADUS** Spray is still the most preferred Hair Spray! Dries fast, non-greasy, does not make hair sticky and so easily brushed out. Don't ask for a Hair Spray, just say **KADUS**

**Kadus Spray, in Red Tins** (7oz — 18oz)
**Kadus Spray 'ELEGANCE'** — New! *(18oz)*
Also:
**Kadus Hair Gelee**—Transparent, nongreasy hair cream.
**Kadus Egg Shampoo** — in Tubes or Sachets.
**Kadus Anti-Dandruff Shampoo** — in Sachets.
**Kadus Camomile Shampoo** — a real health-bath for the hair.
**Kadus Dry Shampoo** in Plastic Containers

**FOR THE CARE**
**AND BEAUTY**
**OF YOUR HAIR**

# ST. PAUL PHARMACY

BRARED STREET,
B'KARA.

TEL. 42135

*For Your Needs in*

*Cosmetics - Films*
*Toilet Preparations*
*& Baby Needs*

Espedito Micallef u Emmanuel Gauci ma naqsu qatt li jżommu kelmithom. Bit-tisfieq ta' wiċċ, bil-paċenzja, bix-xogħol b'xejn u b'ħafna sagrifiċċji oħra, il-knisja ta' San Pawl tal-Wied hi li hi llum bil-ħila tagħhom u bil-kooperazzjoni li sabu minn ħafna benefatturi, qassisin u min-nies.

**DUN MARTIN SAMMUT.** Twieled il-Mellieħa u ġie Birkirkara fis-sena 1916-17 bħala Viċi-Parroku. Sar Prokuratur tagħha fis-sena 1931 u dam sa 1945, is-sena li fiha l-prokura għaddiet f'idejn il-Kanonċi. Matul l-amministrazzjoni tiegħu, jista' wieħed jara x'sar minn dak li għidna qabel. Kien iqaddes tal-5.30 a.m. u jqarar ħafna. Kien ċerimonier djoċesan u miet fis-17, 3. 1960.

Fi żmienu saret il-Konsagrazzjoni tal-Knisja u ta' l-artal maġġur mill-Isqof Emmanuel Galea, Vigarju Ġenerali, fit-28 ta' Ottubru, 1943, u fis-sena 1945 saru l-festi ta' għeluq il-25 sena li l-knisja ilha sagramentali fuq programm li fih ħadu parti wkoll l-għaqdiet u l-Kommunitajiet reliġjużi li jinsabu fil-Parroċċa.

**KAN. KANT. VINĊENZ CIAPPARA.** Sar prokuratur tal-knisja fis-sena 1945. Barra l-affarijiet li diġa semmejna, ngħidu xi ħaġa fuq id-dar 228, Main Street, li nxtrat fis-sena 1955, li l-knisja kellha tant bżonn biex tikber is-sagristija.

Bil-mewt ta' Rożina Xerri, l-istitut ta' San Ġużepp, Ħamrun wiret id-dar u billi hemm il-liġi tal-Mano morta, dan l-Istitut ma setax iżomm id-dar, għalhekk l-Eżekutur Testamentarju, Mons. Carmelo Bonnici nieda d-dar għall-bejgħ.

Il-prokuratur tefa' l-offerta tiegħu u xtara d-dar b'kuntratt li sar f'Marzu 1955 għand in-Nutar E. Agius. Min kien fiha ma setax joħroġ malajr. Dam disa' snin. Ta ċ-ċavetta lill-Prokuratur fis-17 ta' Marzu 1964.

Xi xahrejn wara beda x-xogħol ta' l-alterazzjonijiet fil-bini mill-imgħallem Toni Farrugia. Kienet lesta b'kollox għall-festa titulari tas-sena 1965.

Ħafna kienu l-benefatturi li għinu ġenerożament. Insemmu lis-sinjuri: Carmelo Fenech Cefai, Feliċ Borg, Ġużeppi Borg, Carmelo Xuereb, Pawlu Gauci u oħrajn. Ta' min isemmi x-xogħol li għamel is-Sur Karmelo Caruana f'din is-sagristija l-ġdida. Iż-żewġ bibien dekorati, il-faċċata ta' l-armarijiet, bibien bis-slaleb u din is-sena lesta biċċa xogħol tassew sabiħa — Il-gwardaroba bin-niċċa tal-kurċifiss u d-Duluri biex din isservi għall-abiti sagri u ħwejjeġ oħra tal-knisja.

**FESTI ĊENTINARJI 1960.** F'din is-sena f'Malta saru l-festi tad-XIX ċentinarju tal-Miġja ta' San Pawl f'Malta. Il-Prokuratur ħaseb ukull biex jagħmel festi bħal dawn fil-knisja ċkejkna. Dawn saru mit-8 sat-22 ta' Mejju. L-ewwel tmint ijiem saru fil-knisja u fil-15 ta' Mejju saret purċissjoni għall-parroċċa bl-istatwa titulari u d-Driegħ ta' San Pawl tal-Kolleġġjata tal-Belt, bil-banda ta' l-Istitut ta' San Ġużepp, Ħamrun.

Fil-parroċċa saret funzjoni kuljum u fit-22 ta' Mejju, ħarġet mill-Bażilka l-purċissjoni bl-istatwa u d-Driegħ ta' San Pawl li għaddiet minn St. Francis Sq., Main Str., Brared, Wied, St. Roque Str., Msida u Main Street għall-Kolleġġjata Bażilka.

Wara l-konklużjoni li saret mill-Arċisqof l-istatwa tniżżlet lura f'korteo bil-Banda La Vallette.

Funzjoni Kommoventi ħafna kienet il-Via Sagra li saret fuq iz-zuntier tal-Parroċċa.

Iż-żewġ baned, Duke of Connaught u St. Helena ħadu parti bil-marċi-iet u l-programmi li għamlu matul dawn il-festi. Is-surmast Emmanuele Brincat kiteb il-mużka għall-innu li kiteb l-istess Prokuratur u li tkanta fil-Programm li sar mill-Banda Duke of Connaught Lejlet il-festa ġol-Pjazza.

**1970.** Din taħbat il-ħamsin sena li l-knisja ta' San Pawl ilha sagramentali. Għalhekk il-Prokuratur laqqa' fis-6 ta' Lulju 1969, il-kumitat iffurmat minnu bħala President u mis-saċerdoti li jqaddsu fil-knisja tiegħu, Dun Ġużepp Vella, Dun Karm Bonavia, Kan. J. Brincat u Dun Ġużepp Brincat u sinjuri Espedito Micallef u Emmanuel Gauci, biex jaħseb u jorganizza l-festi li jfakkru dan il-ġublew.

Il-Kumitat ifforma l-programm tal-Ġimgħa Ewkaristika li jinsab fuq il-qoxra ta' dan il-librett. (Joħroġ xi ktieb żgħir b'noti storiċi fuq il-knisja u jaħseb għal xi ħwejjeġ oħra).

**ATTIVITÀ PASTORALI.** Illum fil-knisja jitqaddsu kuljum erba' quddisiet u ħamsa nhar ta' Ħadd.

Din il-knisja hija ffrekwentata ħafna. Hija l-unika li tibqa' miftuħa sa l-10 p.m. u dejjem issib in-nies fiha. Fil-għaxija sa mill-1952 jingħad ir-rużarju u tingħata l-benedizzjoni Sagramentali u jkun hemm it-tqarbin. Jieħu ħsiebu l-Kan. Dun Ġwann Micallef. Kull nhar ta' Ħadd ikun hemm il-Qagħda minn membru tal-Museum.

B'ċensiment li sar fis-sena 1967 nafu kemm jattendu għal quddies f'din

F. BEZZINA
STORE

WHOLESALE & RETAILER
7, VALLEY ROAD,
B'KARA
TEL. 41533

ST. THERESA PHARMACY
207, MAIN STREET,
B'KARA.

TEL. 42233

*For Your Needs in*

*Cosmetics*
*Toilet Preparations*
*& Baby Needs*

# CALLEJA'S

## Tailoring

Brared Street,

B'Kara.

# Big Ben Store

21, 23, 24, Main Street, B'Kara.

*The Leading House in*

*Gents, Ladies & Children Wear*

*Tel. No. 40012*

il-knisja nhar ta' Ħadd. 682 u huma mqassma hekk: 5.15 — 97; 6.15 — 95; 7.15 — 152; 8.30 — 202; 10.00 — 136.

Tqarbin fis-sena 1950 laħaq 45,500 u s-sena l-oħra 80,000.

Qrar ikun hemm fil-għodu u fil-għaxija minn Dun Karm Bonavia, Kan. Ġwann Micallef u Dun Ġużepp Vella.

L-eżerċizzi spiritwali tar-Randan ilhom isiru għall-irġiel u għan-nisa mis-sena 1949. Illum hemm fundazzjoni għalihom. Tliet snin ilu bdew isiru oħrajn għal xi 2.30 p.m. għal tal-ħwienet.

**IL-LEGION OF MARY.** Fis-sena 1965 bdiet tokkupa s-sular ta' fuq is-sagristija l-ġdida u kien hemm biss żewġ presidja. Illum hemm erba' presidja tax-xebbiet u wieħed tal-ġuvintur. Isiru ħafna attivitajiet oħra mil-Legion.

It-tagħrif, li tajt, ksibtu mill-kotba tal-Prokura tal-istess knisja u minn persuni ta' min joqgħod fuqhom. Nittamaw li din l-knisja ta' S. Pawl Appostlu tal-Wied, Birkirkara, tibqa' sservi u taqdi lil-erwieħ fil-bżonnijiet spiritwali tagħhom.

---

## Lil Ġesu'

*Kan Kant. V. Ciappara B.D.*

Ilek magħna, Gesu', ħamsin sena,
Taħt ix-xbieha tal-ħobż u l-inbid,
Lejl u nhar f'din il-knisja twennisna,
Fuqna ssawwab ta' mħabbtek kull ġid.

Oh, min jaf kemm erwieħ fit-tbatija,
Bit-tiġrib ta' dil-ħajja mtaqqlin,
Ġew ifittxu ftit farġa minn għandek
W inti bgħatthom lejn djarhom ħenjin.

Kemm il-qalb ta' żagħżugħ u żagħżugħa
Fl-ewwel żmien ta' mħabbithom talbuk,
Sabiex inti tkun l-għaqda ta' ruħhom
U biz-zina, le', qatt ma jreghxuk.

W int' twajjeb, ħanin tbissimtilhom,
U talbithom mill-ewwel ilqajt
Int laqqamthom bil-ħajr ta' qdusitek
U mill-ħazen tad-dinja ndukrajt.

Ommijiet imħassbin fuq uliedhom,
Fuq saħħithom fil-gisem u r-ruħ,
Kemm-il darba ta' qalbhom in-niket
Fuq il-ħniena ta' qalbek serrħuh.

W inti qalbek mimlija mogħdrija
Ġbart kull demgħa ta' dawk l-ommijiet
U b'setegħtek ta' bniedem u Alla
Ruh uliedhom mill-jasar infdiet.

Jien niftakar, snin ilu, kont tfajjel,
Konna niġu kuljum inżuruk,
Biex nissaħħu b'tagħlimek tas-sema
U b'egħmilna nuruk li nħobbuk.

F'dak iż-żmien ta' tfuliti ġo ruħi
Xrara nar minn imħabbtek kebbist,
Sa ma lili bla xejn ma jistħoqqli,
Bik innifsek għal dejjem libbist,

Inti rajt, o Gesu,' lill-qaddejja
Dun Manwel u Dun Pawl imħeġġin
Jiġbru l-bniet u x-xebbiet ħa jpattulek
Għat-tkasbir wid-dnubiet tal-bnedmin.

U kemm fraħt, meta rajthom bi ħrara
Dawk in-nies, sabiex qalbhom turik,
Isebbħulek dal-maqdes bi flushom
U b'ħidmithom bla ħlas għax għalik.

Ibqa' magħna, Ġesu', ibqa' xerred
Fuq l-erwieħ li jzuruk f'din id-dar
Gib il-barka ta' mħabbtek ħanina
Fuq l-imġarrba, fuq l-għonja wil-fqar.

Int għalina s-serħan fit-tbatija,
Int il-faraġ fin-niket wid-dmugħ
Int ir-rebħ fit-tigrib tat-taqbida
Int is-sliem li bih thenni kull ruħ.

**SIMCA**

1301

&

1501



Sole Agents:-

CANADIAN BROS. LTD.

*30, Mannarino Road,*

*B'Kara.*

*Tel: 41335*

**ELETTROSTOP**



*For complete protection against*

SHOCK, FIRE, OVERLOAD and SHORTCIRCUIT PERMANENT MAGNET OPERATED EARTHLEAKAGE TRIP 25mm amps, LOAD RANGE 10 to 63 amps.

Sole Agent:

E. CALLEJA & SONS

7/444, FLEUR-DE-LYS ROAD, BIRKIRKARA.

PHONE 40341 / 40342

# PROGRAMM

**Il-Hadd, 11 ta' Jannar, fil-5.00 p.m.**

Purcissjoni b'Gesu' Sagramentat mir-Rev.mu. Kapitlu, mill-Knisja Bazilka ghal Knisja ta'San Pawl. Benedizzjoni Sagramentali.

**It-Tnejn, 12 ta' Jannar, fis- 6.00 p.m.**

Quddiesa. Celebrazzjoni Ewkaristika; jippriedka r-Rev.du Kan. Gius. Bonnici, Ass. Ekkl. Generali ta' l-Azzjoni Kattolika. Jiehdu sehem: Is-Sorijiet ta' Dar San Frangisk de Pawla u l-membri tal-Azz. Kattolika.

**It-Tlieta, 13 ta' Jannar, fis-6.00 p.m.**

Quddiesa. Celebrazzjoni Ewkaristika; jippriedka r-Rev.du P. Wistin Portelli, O.F.M. Provincjal u Direttur Spiritwali tal-Legion of Mary. Jiehdu sehem il-membri tal-Legion of Mary.

**L-Erbgha, 14 ta' Jannar, fis-6.00 p.m.**

Quddiesa. Celebrazzjoni Ewkaristika; jippriedka r-Rev.du Dun Wistin Azzopardi S.S.P. Jiehdu sehem: Il-Kongregazzjonijiet Marjani. Iz-Zghazagh Haddiema Nsara u x-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla.

**Il-Hamis, 15 ta' Jannar, fis-6.00 p.m.**

Quddiesa. Celebrazzjoni Ewkaristika; jippriedka r-Rev.du P. Pawl Pisani O.F.M. Conv. Jiehdu sehem il-membri tal-Museum.

**Il-Gimgha, 16 ta' Jannar, fis-6.00 p.m.**

Quddiesa u Celebrazzjoni Ewkaristika minn Mons. Isqof Emm. Galea, Vigarju Generali. Jiehdu sehem il-membri tal-Lega Riparatrici.

**Is-Sibt, 17 ta' Jannar**

Fis-6.00 p.m. Quddiesa bl-Omelija. Mit-8.00 sad-9.00 p.m. Velja Ewkaristika.

**Il-Hadd, 18 ta' Jannar**

Fit-8.30 a.m. Quddiesa bil-kant minn Mons. Emm. Gerada, Isqof Koadjutur. Fis-6.00 p.m. Celebrazzjoni Ewkaristika, kant ta' Te Deum u Benedizzjoni Sagramentali minn Mons. Arcisqof.

SAN GWAKKIN PRESS BIRKIRKARA